ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

StudentBounty.com

## IT-TIENI SENA L-ISTUDJI SOĊJALI IL-ĦIN: Siegħa u nofs

**Isem:** ______________________ **Klassi:** ______________

**Din il-karta tal-eżami fiha Sitt Taqsimiet (A, B, C, D, E, u F). L-istudenti jridu jwieġbu t-Taqsimiet KOLLHA. Il-marki għal kull Taqsima jidhru bejn il-parentesi. Ikteb it-tweġiba tat-Taqsima F fuq karta separata.**

**Taqsima A: Imla l-vojt b'dan il-kliem:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| il-karattru | ix-xogħol | formali | volontarji |
| wirt kulturali | ċittadin | informali | il-Ġnus Magħquda |
| familja | soċjalizzazzjoni | drittijiet | dmirijiet |

1. ______________________ huma obbligi li kull persuna għandha lejn is-soċjetà.
2. ______________________ hi għaqda internazzjonali li tiġbor fiha numru kbir ta' pajjiżi tad-dinja li jaħdmu flimkien biex ikun hawn il-paċi, il-ħbiberija u l-ġid.
3. It-tagħlim li nitgħallmu minn kull esperjenza li jkollna fil-ħajja nsejħulu tagħlim ______________________.
4. ______________________ jgħin lill-individwu sabiex jiżviluppa l-personalità tiegħu, filwaqt li jgħin ruħu finanzjarjament.
5. Jiena nagħmel parti minn ______________________ li hija l-aktar grupp bażiku u essenzjali fis-soċjetà.
6. Il-proċess ta' ______________________ jgħallimni kif għandi nġib ruħi mal-oħrajn fis-soċjetà.
7. ______________________ jinbena billi nisma' u nirreaġixxi għal dak li jiġri madwari.
8. It-tradizzjonijiet u d-drawwiet jagħmlu parti mill-______________________ Malti.
9. L-iskola tkompli tgħinna niżviluppaw l-edukazzjoni ______________________ tagħna.
10. Gruppi______________________ huma dawk li l-membri tagħhom jaħdmu bla ħlas.

**(10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Taqsima B: Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin billi timmarka l-frażi t-tajba:**

1. L-egoiżmu
   a. jgħin lill-bniedem biex juri solidarjetà mal-oħrajn
   b. ifakkarna fl-obbligi li għandna
   c. iġib firda u nkwiet fis-soċjetà

2. Il-Ġudikatura tirreferi għall-
   a. għall-poter li għandhom il-Qrati tal-Ġustizzja
   b. għal-liġijiet li jgħaddu u jiġu approvati mill-Parlament
   c. għall-Gvern u l-awtoritajiet li jmexxu l-pajjiż

3. Grupp ta' pressjoni li jirrappreżenta lill-ħaddiema jissejjaħ
   a. kooperattiva
   b. kumpanija
   c. trejd unjon

4. Drawwa tajba li jkollu l-bniedem tissejjaħ
   a. ħila
   b. virtù
   c. passatemp

5. L-organizzazzjoni internazzjonali li taħdem favur id-drittijiet tal-ħaddiema f'diversi pajjiżi tissejjaħ
   a. FAO
   b. UNICEF
   c. ILO

6. In-normi soċjali
   a. jgħinuk titgħallem sabiex tifforma l-opinjoni personali tiegħek
   b. huma regoli li jmexxu l-għemil u l-imġiba tal-individwu fis-soċjetà
   c. jgħinuk sabiex toħroġ il-kwalitajiet sbieħ tal-individwu

7. F'soċjetà nsibu
   a. biss persuni li jistgħu jivvutaw
   b. tfal u żgħażagħ biss
   c. gruppi soċjali differenti

8. Il-*peer group*
   a. huwa grupp ta' ħbieb li rari jiltaqgħu flimkien
   b. hu ċirku ta' ħbieb tal-istess età tagħna, ħafna drabi bl-istess interessi
   c. huwa ċirku ta' nies ta' kull età u gosti

9. L-identità tinqasam fi tnejn:
   a. personali u soċjali
   b. formali u informali
   c. primarja u sekondarja

10. Fil-komunikazzjoni, prinċipju importanti ħafna huwa
   a. li jkun hemm xi ħadd li jgħaddi messaġġ
   b. li jkun hemm min irid jibgħat messaġġ u min hu lest li jirċevih
   c. li ma jkunx hemm tfixkil biex jintbagħat il-messaġġ **(10 marki)**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima C: Spjega t-termini KOLLHA li ġejjin:**

1. Rwol

2. WHO

3. Kostituzzjoni

4. Għajnuna reċiproka

5. Edukazzjoni post-sekondarja

6. Interazzjoni soċjali

7. Mezzi ta' komunikazzjoni

8. Solidarjetà

9. Djalogu

10. Passaport

**(20 marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima D: Kieku kont int f'dawn is-sitwazzjonijiet, x'kont tagħmel?**

1. Toħroġ fil-bieb ta' barra u tara ħabib tiegħek iwaddab skart li jista' jiġi rriċiklat imħal
   skart domestiku.

   ______________________________________________
   ______________________________________________
   ______________________________________________
   ______________________________________________

2. Tal-ħanut iżomm prezz ogħla lil turist għall-istess prodott li għadek kif xtrajt int stess bil-prezz tas-soltu.

   ______________________________________________
   ______________________________________________
   ______________________________________________
   ______________________________________________

3. Il-ħabib beda jpejjep u issa qed iħajrek sabiex tagħmel bħalu.

   ______________________________________________
   ______________________________________________
   ______________________________________________
   ______________________________________________

4. Taf persuna tal-familja li għandha problema għax hi bla xogħol. Tixtieq taħdem imma ma tafx kif ser tfittex xogħol.

   ______________________________________________
   ______________________________________________
   ______________________________________________
   ______________________________________________

5. Kultant oħti ż-żgħira tagħmel l-istorbju meta jien inkun nixtieq kwiet perfett waqt li nistudja.

   ______________________________________________
   ______________________________________________
   ______________________________________________
   ______________________________________________

**(20 marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima E: Aqra sew is-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA dwar**

*Ċerti problemi ambjentali, bħat-tniġġiż tal-ilma, fl-ikel jew fl-arja, huma ta' ħsara kbir saħħa tal-bniedem. Pereżempju, huwa stmat li wieħed minn kull sitta tal-imwiet u l-mard fit x'aktarx ġejjin minn fatturi ambjentali. Il-bniedem jagħmel ċerti għażliet li jaffettwaw is-saħħa u l istil tal-ħajja tiegħu, imma mbagħad jiddependi fuq l-awtoritajiet pubbliċi għall-protezzjoni ta' saħħtu. L-Unjoni Ewropea qed tara li tagħti lill-gvernijiet nazzjonali l-informazzjoni meħtieġa biex titnaqqas il-ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem. Is-settur tat-trasport huwa l-iktar wieħed responsabbli għall-ħruġ ta' gassijiet velenużi. Fost problemi li nsibu hemm il-fatt li n-numru ta' tfal li jbatu bl-ażma qiegħed dejjem jiżdied. Il-konġestjoni tat-traffiku f'Malta, waħda mill-ogħla fl-Istati Membri kollha tal-UE, qed tkompli żżid il-problema tal-ħruġ ta' gassijiet. Fl-2007 kien hemm żieda ta' 6,500 karozza fit-toroq lokali.*

1. Semmi **TLIET** fatturi ambjentali ewlenin li jaffettwaw is-saħħa tagħna.

   ______________________________

   ______________________________

   ______________________________ (3)

2. X'alternattivi jeżistu għall-enerġija elettrika sabiex nużaw enerġija nadifa?

   ______________________________

   ______________________________ (2)

3. Kif qed tgħin l-Unjoni Ewropea biex titnaqqas il-ħsara fuq is-saħħa?

   ______________________________

   ______________________________

   ______________________________ (3)

4. X'inhi l-opinjoni tiegħek dwar l-inizjattiva li ħa l-Gvern Malti biex iħajjar liċ-ċittadini jinvestu f'*solar water heaters* kif ukoll f'panelli fotovoltajiċi?

   ______________________________

   ______________________________

   ______________________________ (3)

5. Semmi **ŻEWĠ** modi ta' kif nistgħu nnaqqsu l-iskart.

   ______________________________

   ______________________________ (2)

6. Darba fil-ġimgħa fir-raħal jew belt fejn toqgħod jinġabar skart li jista' jkun riċiklat u dan jinġabar f'boroż griżi. X'inhu l-iskop li jinġabar dan it-tip ta' skart?

   ______________________________

   ______________________________

   ______________________________ (3)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

7. Xi problema joħloq l-*exhaust* tal-karozzi?

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________

8. Liema tip ta' mezzi ta' trasport nistgħu nużaw sabiex innaqqsu t-tniġġiż fl-atmosfera?

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________ (2)

**(20 marka)**

**Taqsima F: Agħżel WIEĦED minn dawn it-temi li ġejjin u ikteb madwar 170-200 kelma dwaru:**

1. *Jeżistu diversi għaqdiet internazzjonali*. Ikteb dak li taf dwar dawn li ġejjin: UNICEF, ILO, UNESCO u s-Salib l-Aħmar.
2. *Kunflitti jinqalgħu fejn jkun hemm tnejn jew aktar*. Kif nistgħu ngħixu flimkien u negħlbu dawn il-kunflitti li jinqalgħu?
3. *Il-kultura Maltija tagħmilna dak kollu li aħna Maltin*. Ikteb fid-dettal dwar xi aspetti li huma marbutin ma' Malta u l-kultura unika tal-poplu tagħha.
4. X'effetti pożittivi u negattivi qed iħallu l-mezzi ta' komunikazzjoni fuq l-individwu?

**(20 marka)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers